StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2013**

IL
7

**It-TIENI SENA** **Il-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** **Il-Ħin: 15-il minuta**

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi. Kull taqsima għandha 5 marki.

**L-Istruzzjonijiet:**

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Silta | |
| 1 | L-istudenti jintalbu jiftħu l-karta.<br><br>L-għalliema jaqraw l-ewwel silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| 2 | Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tal-ewwel silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| 3 | L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br><br>L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |
| It-Tieni Silta | |
| 4 | L-għalliema jaqraw it-tieni silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| 5 | Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tat-tieni silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| 6 | L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba.<br><br>L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**L-Ewwel Silta:** **L-Isport**

L-isport huwa wieħed mill-aktar passatempi popolari li hawn fid-dinja. Dan il-passatemp issibu pprattikat matul is-sena kollha għaliex tista' tieħu sehem fih jew issegwih fuq it-televixin kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa.

L-isport fih ħafna vantaġġi kemm għas-saħħa fiżika kif ukoll għall-moħħ. Huwa importanti ħafna li nieħdu ħsieb is-saħħa fiżika tagħna għax b'hekk inżommu figura pulita kif ukoll nilqgħu kontra ċertu mard. B'hekk, meta nieħdu sehem fl-isport, inkunu qegħdin nagħmlu ġid kbir lil ġisimna u jista' jkollna ħajja itwal. Is-saħħa tal-moħħ ukoll hija importanti u l-isport jgħinna nieqfu u nserrħu moħħna mill-istress u l-problemi tal-ħajja ta' kuljum.

L-isport jgħinna nitgħallmu nikkollaboraw mal-oħrajn għax f'ħafna logħob ikollok taħdem bħala tim għax mingħajr is-sehem ta' kulħadd ma jkollokx suċċess. L-isport jgħinna wkoll nitbiegħdu mill-vizzji koroh bħad-droga, l-alkoħol u t-tipjip.

Huwa importanti li nibdew nipprattikaw l-isport minn meta nkunu żgħar ħalli nidraw nagħmlu l-eżerċizzji fiżiċi u meta nikbru nibqgħu nħaddmu ġisimna u nżommu ruħna b'saħħitna.

**Taħriġ A.**

**Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-isport hu wieħed mill-aktar _________________________ popolari.

2. Dan fih ħafna _______________________ għas-saħħa fiżika u mentali.

3. Bis-sehem tagħna fl-isport aħna nkunu qegħdin ____________________________ ħajjitna.

4. Meta naħdmu f'tim nitgħallmu _______________________________ mal-oħrajn.

5. L-isport ______________________________ 'l bogħod minn bosta vizzji.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Silta: Qalb Tajba**

Fil-klassi tal-iskola mhux kulħadd kellu l-istess kwalitajiet. Doreen inzertat ħdejn Tiffany li ma kinitx mogħnija bl-istess intelliġenza bħalha. Iżda l-qalb tad-deheb li kellha Tiffany issorprendiet bil-kbir lil Doreen.

Doreen kienet tifla minfuħa biha nnifisha minħabba r-riżultati eċċellenti li kienet iġġib u għalhekk fil-brejk spiċċat waħidha bla ħbieb. Din il-biċċa tal-ħbieb tatha ġewwa ħafna. Tiffany indunat x'kien qiegħed jiġri u bi ħlewwa liema bħalha bdiet tipprova tispjegalha għaliex l-istudenti l-oħra kienu qed iwarrbuha. Iżda l-kliem ta' Tiffany ma daqqx għal widnejn Doreen u spiċċat iġġieldet magħha wkoll. Minkejja dan kollu, Tiffany xorta baqgħet tiddefendi lil Doreen, anke jekk sħabha tal-klassi bdew iħarsu lejha bl-ikrah ukoll. Dan kollu wassal lil Doreen tirrifletti sewwa fuq il-kliem ta' ħabibtha.

Id-determinazzjoni ta' Tiffany ħalliet il-frott għaliex wara li talbet skuża lil ħabibitha, Doreen iddeċidiet li tibdel l-attitudni tagħha lejn sħabha tal-klassi u spiċċat tagħtihom daqqa t'id fix-xogħol tal-klassi u l-istudji li kien ikollhom.

**Taħriġ B.**

**Immarka ✓ fil-kaxxa, taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | VERU | FALZ |
|---|---|---|
| 1. Doreen u Tiffany kellhom l-istess kwalitajiet. | | |
| 2. Doreen kienet imkabbra għax kienet brava ħafna. | | |
| 3. Tiffany ġiet taqa' u tqum mill-ħabiba tagħha Doreen. | | |
| 4. Sħab Tiffany ħadu gost li hi kienet qiegħda tipprova tgħin lil Doreen. | | |
| 5. Fl-aħħar ir-rieda qawwija ta' Tiffany rebħet u s-sitwazzjoni rranġat ruħha. | | |

**Tmiem il-karta**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2013**

IL-
7

**It-TIENI SENA** **Il-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** **Il-Ħin: 15-il minuta**

**L-Isem u l-Kunjom:_____________________Il-Klassi:____________**

**Il-Marka**

**Il-KARTA TAL-ISTUDENTI**

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-isport hu wieħed mill-aktar ________________________________________ popolari.
2. Dan fih ħafna ____________________________ għas-saħħa fiżika u mentali.
3. Bis-sehem tagħna fl-isport aħna nkunu qegħdin ____________________________ ħajjitna .
4. Meta naħdmu f'tim nitgħallmu _____________________________________ mal-oħrajn.
5. L-isport __________________________________________ 'l bogħod minn bosta vizzji.

**Taħriġ B. Immarka ✓ fil-kaxxa, taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | **VERU** | **FALZ** |
|---|---|---|
| 1. Doreen u Tiffany kellhom l-istess kwalitajiet. | | |
| 2. Doreen kienet imkabbra għax kienet brava ħafna. | | |
| 3. Tiffany ġiet taqa' u tqum mill-ħabiba tagħha Doreen. | | |
| 4. Sħab Tiffany ħadu gost li hi kienet qiegħda tipprova tgħin lil Doreen. | | |
| 5. Fl-aħħar ir-rieda qawwija ta' Tiffany rebħet u s-sitwazzjoni rranġat ruħha. | | |

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

| **IT-TIENI SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-klassi:** ________________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-MARKI** | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

**Kummenti**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima A IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

### L-istorja tal-kelb Hachiko

Darba waħda fl-1924 il-Professur Eisaburo Ueno wasal lura bħas-soltu fl-istazzjon tal-ferrovija Shibuya ta' Tokyo. Hemmhekk lemaħ ġeru **jħuf** mitluf. Qabdu, refgħu fi ħdanu u mellislu rasu. Kien tassew gustuż! Il-Professur ħares madwaru. Beda jistaqsi lil dak u lill-ieħor kinux tilfu xi ġeru iżda l-istazzjon minnufih tbattal u għajr gaġġa mkissra b'tabella mqattgħa ma kien fadal ħadd u xejn. **(par. 1)**



Il-Professur ma felaħx iħalli 'l dan il-ġeru waħdu fil-ksieħ ta' stazzjon vojt u ħadu miegħu d-dar. Għadda ż-żmien u Hachiko, għax hekk semmieh il-Professur, beda jikber. Bejn il-Professur u Hachiko **nibtet** ħbiberija kbira u ssenslet storja li għadha tissemma sal-lum. **(par. 2)**

Ta' kuljum, fil-ħin li sidu jasal lura mix-xogħol, Hachiko kien imur fl-istazzjon tal-ferrovija u joqgħod bilqiegħda fl-istess post jistennieh ġej. Kemm kienu jifirħu b'xulxin! Kulħadd kien jammirahom għax ħbiberija bħal din qatt ma kienu raw bħalha. Darba fost l-oħrajn, il-Professur ma niżilx mill-ferrovija. Għalxejn qagħad jistennieh Hachiko għax sidu baqa' ma ġiex. Dakinhar il-kelb ma marx lura d-dar, lanqas sidu! **(par. 3)**

Wara l-mewt tal-Professur, Hachiko addottatu familja oħra **iżda ma kienx għal qalbu**. Minkejja d-distanza u l-elementi, fil-ħin li s-soltu l-Professur kien jasal lura l-istazzjon, Hachiko kien jaħrab minn fejn ikun u jintasab bilqiegħda jistenna 'l sidu ġej lura mix-xogħol. **(par. 4)**

Is-sidien tal-ħwienet kienu **jitħassruh** l-aktar meta beda jixjieħ. Min seta' jfiehmu lil Hachiko li sidu kien miet u li qatt aktar ma kien se jarah ġej lura mix-xogħol? Mill-mewt ta' sidu issa kienu għaddew aktar minn disa' snin. Matulhom, ta' kuljum, fl-istess ħin u fl-istess post Hachiko baqa' dejjem jistenna 'l sidu jiġi lura mix-xogħol. **(par. 5)**

Kien f'dan l-istazzjon li twieldet il-ħbiberija qawwija bejn il-Professur u l-kelb tiegħu Hachiko. Kien f'dan l-istazzjon ukoll li Hachiko miet, waqt li kien qed jistenna lil sidu ġej lura mix-xogħol. **(par. 6)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** ka)

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.**

**1.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Malli l-Professur wasal fl-istazzjon lemaħ | | ġeru mitluf tassew gustuż u lil sidu. |
| | | | ġeru jdur ma jafx fejn se jagħti rasu. |
| | | | ġeru rieqed taħt vagun tal-ferrovija. |
| | | | ġeru ħdejn tabella qed jistenna lil sidu. |
| | | | |
| **b.** | Hachiko u sidu saru | | qishom ħobż u sikkina. |
| | | | ma jarawx għajn b'għajn. |
| | | | sbieħ, kbar u tassew gustużi. |
| | | | qalbhom iebsa. |

**(marka l-waħda)**

**2.** Għaliex Hachiko kien imur l-istazzjon kuljum?

____________________________________________ **(marka)**

**3.** Għaliex dakinhar il-kelb ma marx lura d-dar?

____________________________________________ **(marka)**

**4.** X'baqa' jagħmel Hachiko għal aktar minn disa' snin?

____________________________________________ **(marka)**

**5.** Fejn miet Hachiko?

____________________________________________ **(marka)**

**6.** X'turina din l-istorja fuq il-kelb fil-fehma tiegħek?

____________________________________________ **(marka)**

**7.** "Sidien il-ħwienet kienu jitħassru**h**..." **(par. 5)**. Għal min qed jirreferi l-pronom **h** fil-kelma ***jitħassruh***?

____________________________________________ **(marka)**

**8.** Sib mis-silta kelma/frażi li tfisser:

**a.** "ra" **(par. 1)**: ________________________ **b.** "bogħod" **(par. 4)**: ________________________

**ċ.** "jinxteħet" **(par. 4)**: ________________________ **(marka l-waħda)**

**9.** Agħti **kelma waħda** li tagħmel sens skont is-silta flok il-kliem li ġej:

**a.** "jħuf" **(par.1)** ________________________ **b.** "nibtet" **(par. 2)** ________________________

**(marka l-waħda)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**10.** Fisser l-espressjoni li għandha linja taħtha: "Hachiko ttieħed għand familja oħra iżda **ma kienx għal qalbu**." **(par. 4)**

_______________________________________________ **(ma**

StudentBounty.com

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Imla l-vojt b'**nom verbali** mill-**għerq ''ħ-m-d''.** | Il-ġeru nstab waħdu mbeżża' fil- ______________ tal-lejl. |
| **2.** | Imla l-vojt bil-**plural miksur** ta' **''ġeru''**. | Mill- ______________ kollha, il-Professur għoġbu Hachiko. |
| **3.** | Imla l-vojt bl-**għadd imtenni** tal-kelma **''siegħa''**. | Il-Professur kien iqatta' ______________ jilgħab mal-kelb. |
| **4.** | Agħti **l-plural sħiħ** tal-kelma **''xogħol'**. | Qabel ma beda jgħallem, il-Professur kien jagħmel għadd ta' ______________ . |
| **5.** | Agħti **l-istat kostrutt** tal-frażi b'linja taħtha: | **<u>Il-mixja tal-kelb</u>** kienet iġġiblek ħasra.<br>______________ kienet iġġiblek ħasra. |
| **6.** | Aqta' sing taħt il-kelma li fiha l-**pronom mehmuż** li jidher f'dis-sentenza. | Il-kelb ma kienx għal qalbu mal-familja l-ġdida. |
| **7.** | Aqleb fil-**femminil.** | Il-kelb nebaħ xħin ra lil sidu.<br>Il-kelba______________ xħin rat lil sidha. |
| **8.** | a. Aqta' sing taħt il-**verb** tas-sentenza.<br>b. Ikteb il-**mamma tal-verb.**<br>ċ. Agħti l-**għerq** tiegħu. | a. Is-sidien sabu l-kelb fl-istazzjon.<br>b. Il-mamma: ______________<br>ċ. L-għerq: ______________ |

**(marka l-waħda)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| Taqsima Ċ. Il-Letteratura | (30 marki) |
|---|---|

**Ċ i. Il-Poeżija (***Nadriet 2* ta' Tarċisju Żarb**)** **(5 marki)**

1. Din hija strofa mill-poeżija ***Wied Qirda*** ta' **Dun Karm**:

**filwaqt li f'qalb li tħobb tixgħel bħal ġamra**
**ix-xewqa tal-mistrieħ ġo dar kennija,**
**u l-aħħar xbejba – li x-xemx għamlet samra –**
**titla' b'xi midra jew b'xi luħ mgħobbija.**

**a.** Kull vers ta' din il-poeżija fih ______________________sillaba. **(marka)**

**b.** Din il-poeżija tissejjaħ _______________________. **(marka)**

**ċ.** Liema ġrajja tal-imgħoddi jiftakar il-poeta meta jħoss il-mewt għaddejja minn fuq Wied Qirda?

_______________________________________________ **(marka)**

**d.** Sib eżempju ta' similitudni mill-istrofa t'hawn fuq. _________________________ **(marka)**

**e.** X'inhuma l-**midra** u l-**luħ**? _____________________________ **(marka)**

**2. Imla l-vojt bit-tweġiba t-tajba:** **(5 marki)**

**a.** *Ballata* tfisser ________________________________________.

**b.** Fil-poeżija *Il-Barri* ta' Ġorġ Pisani, il-barri jittieħed ______________________.

**ċ.** Fil-poeżija *Il-Tokki tal-Paternoster* ta' Achille Mizzi, it-tokki tal-qniepen ikeċċu________________.

**d.** Fi tmiem il-poeżija *Ġejja x-Xita* ta' Mary Meilak, il-poetessa tħeġġeġ lill-Maltin biex

__________________________________.

**e.** Fil-poeżija *Gelmus* tal-poeta Ġorġ Żammit l-poeta jitla' fuq din l-għolja biex ________________

________________________________________________________.

**(marka l-waħda)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Agħżel poeżija WAĦDA mil-lista t'hawn taħt u ikteb paragrafu fuq xi aspett/i ta[...] jissemmew fiha.**

*Fil-Menqa* – Ġorġ Peresso, *Lejl tat-Tfulija* – Ġorġ Borġ, *Settembru* – Wallace Ph. Gulia, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* – Rena Balzan, *Sjesta Maltija* – Kilin, *Univers Ieħor* – Dun Karm, *Ġunju* – Dun Karm, *Marsaxlokk* – Charles Flores

Isem il-poeżija ______________________________

Isem il-poeta ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**Ċ (ii) Il-Proża –** (*Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta* ta' Trevor Żahra) **(15-il marka)**

**1.** "*TLIKK! U l-fuklar jiċċaqlaq, u jinqala' 'l barra.*" Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

**a.** Fejn kien il-fuklar? ______________________________

**b.** X'kellu fuq kull naħa tiegħu? ______________________________

**ċ.** Lil min kellem l-ewwel Toni meta ntebaħ li l-fuklar kien jiċċaqlaq?

______________________________________________________________

d. X'kien hemm wara l-fuklar? ______________________________

e. X'kien hemm fil-fili tal-ħajt? ______________________________

**(marka l-waħda)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**2**. Ikteb paragrafu fuq il-karattru u l-ħajja ta' **wieħed/waħda** minn dawn:

**iz-zija Antida – in-nanna Ġolina – in-nannu Tittu – il-Kavallier Fra Claude Roussel - Ma**

**(10 marki)**

| **Taqsima D. Il-Kitba** | **(26 marka)** |
|---|---|

**D i. Il-Kitba Funzjonali** **(6 marki)**

**Il-Kitba ta' Istruzzjonijiet**



Immaġina li għandek ħutek iżgħar minnek. Qegħdin jikbru u trid tgħallimhom kif għandhom jibdew jaqsmu t-triq b'attenzjoni kbira.
F'forma ta' sentenzi qosra (madwar **60 kelma)** iktbilhom l-istruzzjonijiet li tħoss li huma meħtieġa li jsegwu biex jaqsmu t-triq b'attenzjoni u bla periklu.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**D ii. Il-Komponiment** **a)**

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jogħġbok l-aktar u ikteb madwar **250 kelma** fuqu fil-linji pprovduti.

1. **Barra l-membri tal-familja tagħna, hemm nies oħra importanti fil-ħajja tagħna. Semmi xi wħud minn dawn in-nies u għid għaliex tqishom meħtieġa f'ħajtek.**

2. **Kont sejjer lura d-dar wara l-iskola meta ... Kompli din l-istorja.**

3. **Is-sabiħ u l-ikrah tat-triq tiegħek. Iddiskuti.**

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru __________(Agħżel 1, 2, jew 3)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers